MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Numru 5/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Marius Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 5 tas-sena 2008 kontra l-akkuzat Marius Scerri li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-ewwel kap tal-att tal-Akkuza:

Talli nhar it-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' filgħodu (04:00am), l-Control Room tal-Pulizija infurmaw l-għassa ta' Ħal-Qormi li l-istabiliment bl-isem ta' Saints Bar sitwat Mrieħel fil-limiti ta' Ħal Qormi, kien qed jaqbad u li f'dak il-

mument tal-ħruq kien hemm in-nies ġewwa li fortunatament ma' miet jew weġġa ħadt minnhom.

Illi tul l-investigazzjonijiet li seħħew dakinhar tal-inċident stess u fil-ġranet sussegwenti rriżulta illi żewġ persuni kienu ġew identifikati bħala dawk li setgħu kellhom x'jaqsmu ma' dan il-ħruq u li wieħed minnhom kien l-akkużat Marius Scerri. Irriżulta illi dakinhar tal-akkadut u ċioe' fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) Marius Scerri flimkien ma' persuna oħra, kienu marru fl-istabiliment Saints Bar għall-ħabta tan-nofsiegħa ta' filgħodu (0:30am) fejn l-akkużat kellu xi jgħid ma' xi persuni fil-lokal li kien jafhom u wara li tkeċċa l-barra minħabba l-inkwiet li kien inqala, hu kien allontana ruħhu minn fuq il-post permezz ta' vettura appartenenti u misjuqa mill-persuna l-oħra li kienet miegħu il-ħin kollu, bin-numru ta'reġistrazzjoni ABN871 tal-għamla Fun Cargo. Fil-kors ta' triqthom, l-akkużat u l-persuna l-oħra li kienet miegħu, waqfu ma' pompa tal-petrol li lemħu fit-triq u l-akkużat flimkien mal-persuna l-oħra battlu landa taż-żibel li kienet fil-viċinanżi u mlewa bil-petrol minn din il-pompa. Wara li għamlu hekk, dawn saqu lura lejn l-istabbiliment Saints Bar u wara li pparkjaw fit-triq ta' l-istabbiliment in kwistjoni fil-viċinanzi tal-istess, l-akkużat ħareġ mill-vettura ABN871 bil-landa mimlija petrol f'idejħ segwit mill-persuna l-oħra li kienet miegħu, mar jiġri lejn il-bieb tal-istabbiliment in kwistjoni, u wara li tefa' l-landa fuq il-bieb tas-Saints Bar, volontarjament qabbadha bil-lighter li kellu fil-pussess tiegħu bl-intenzjoni li jagħti n-nar lill-istabbiliment kollu, u dan meta' kien jaf li ġol-istabbiliment kien hemm xi persuni jew li seta' kien għad hemm xi persuni ġewwa fil-mument tal-ħruq. Sussegwentement Marius Scerri u l-persuna l-oħra li kienet miegħu ħarbu jiġru l-isfel lejn fejn kienet ipparkjata l-karrozza ABN871, u saqu l-hemm fid-direzzjoni tal-Ħamrun. Madankollu, wara li telqu minn fuq il-post din it-tieni darba, l-akkużat flimkien mal-persuna li kienet miegħu reġgħu saqu lura fit-triq tal-istabbiliment sabiex jaraw x'kien qed jiġri fuq il-post u waqt li kien fid-dintorni l-akkużat ġie identifikat minn xi persuni li kienu fil-lokal jew fil-viċinanzi tal-istess bħala wieħed mill-persuni li kien ikkawża dan il-ħruq.

Illi fortunatament ħadt mill-persuni fl-istabbiliment imqabbad ma' soffrew ġrieħi jew mietu u dan grazzi għall-intervent tal-membri tal-Protezzjoni Ċivili wara li l-akkużat flimkien mal-persuna l-oħra li kienet miegħu telqu minn fuq il-post.

Illi b'għemilhu Marius Scerri sar ħati talli volontarjament ta n-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta' hemm ġew kien hemm persuna fil-waqt tal-ħruq, iżda għalkemm ebda persuna ma tilfet ħajjitha, huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Marius Scerri, ħati talli volontarjament ta n-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta' hemm ġew kien hemm persuna fil-waqt tal-ħruq, iżda għalkemm ebda persuna ma tilfet ħajjitha, huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn disa' snin u mhux iktar minn tnax il-sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 316(a), 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-tieni kap tal-att tal-Akkuza:

Illi dakinhar tal-istess inċident kif imsemmi fl-ewwel Kap u ċioe fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006), l-akkużat Marius Scerri talab lill-persuna l-oħra li kienet miegħu sabiex twasslu s-Saints Bar bil-vettura tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni ABN871 li kif ġie indikat fl-ewwel Kap, kienet tappartjeni u qed tinsaq mill-persuna li kienet fil-kumpanija ta' Marius Scerri dakinhar tal-inċident.

Illi l-akkużat ried jinżel fl-istabiliment Saints Bar sabiex jara jsibx lit-tfajla tiegħu ta' dak iż-żmien, Isaura Magri, li skond hu kienet marret hemmhekk bil-moħbi tiegħu. Filfatt l-akkużat flimkien mas-sewwieq tal-vettura bin-

numru ta' reġistrazzjoni ABN871 wasslu fl-istabbiliment mertu ta' dawn l-akkużi għall-ħabta tan-nofsiegħa ta' filgħodu (0:30am).

Illi malli wasslu fuq il-post, l-akkużat Marius Scerri ra lil Isaura Magri hemmhekk, u volontarjament ħebb għaliha u beda jtiha u jsawwatha.  Filfatt qabadha minn xagħrha, tefaħgħa mal-art u sussegwentment ta daqqa ta' ponn f'wiċċha u f'sidirha.

Illi apparti minn hekk l-akkużat volontarjament hedded lill-istess Isaura Magri kif ukoll lil Roberta Cutajar li hija l-propjetarja tal-istabbiliment u li kienet fuq il-post dakinhar tal-inċident.  Din ta' l-aħħar effettivament daħħlet sabiex tferraq lill-akkużat Marius Scerri u lil Isaura Magri bl-iskop li tikkalma s-sitwazzjoni u wara li keċċiet lill-akkużat il-barra mill-istabbiliment tagħha minħabba l-inkwiet li kien qed joħloq fl-istabiliment, l-akkużat volontarjament baqa jhedded li kien ser ippatihilhom u anki joqtolhom (lil Isaura Magri u lil Roberta Cutajar). Illi ftit tal-ħin wara dakinhar stess, seħħ l-inċident deskritt fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża.

Illi b'għemilu l-imsemmi Marius Scerri sar ħati talli, ħebb kontra persuna sabiex jinġurja, jdejjaqha jew jagħmel ħsara lil dik il-persuna jew lil ħaddieħor.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Marius Scerri, ħati talli, ħebb kontra persuna sabiex jinġurja, jdejjaqha jew jagħmel ħsara lil dik il-persuna jew lil ħaddieħor; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' xahrejn priġunerija skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 339(b), 7(b), 12 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-tielet kap tal-att tal-Akkuza:

Illi waqt il-komozzjoni li inqala fl-istabiliment Saints Bar minħabba l-aġir volontarju tal-akkużat Marius Scerri kif

spjegat fit-tieni Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe' nhar it-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) fis-siegħat bikrin ta' filgħodu, l-atteġament tal-akkużat kien tali li volontarjament kien qed jiddisturba l-paċi pubblika u li jikser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku peress illi l-imġieba aggressiva tiegħu fil-konfront ta' Isaura Magri u Roberta Cutajar kif indikat fit-tieni kap ta' din l-Att tal-Akkuża seħħew ġewwa stabbiliment li huwa miftuħ għall-pubbliku u minħabba l-imġieba tiegħu kellu jitkeċċa minn fuq il-post peress illi kien qed idejjaq kemm lil Isaura Magri, lil Roberta Cutajar kif ukoll lil kull min iktar seta' kien fil-lokal f'dak il-ħin. In oltre l-akkużat baqa jagħjjat u jhedded b'mod storbjuż barra mill-istabiliment Saints Bar wara li tkeċċa minħabba l-komportament tiegħu u dan kollu sar fil-ħinijiet bikrin ta' filgħodu li jkomplu jżidu mal-ħtija tal-akkużat f'dan ir-rigward.

Illi b'għemilu l-imsemmi Marius Scerri sar ħati talli, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Marius Scerri, ħati talli, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' xahrejn priġunerija skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 338(dd), 7(b), 12 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.
Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konguntiv tal-Avukat Generali w tal-akkuzat Marius Scerri, tas-27 ta' Settembru, 2011, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat ghall-akkuza taht l-artikolu 318 li hija ghal reat kompriz u nvolut taht l-artikolu 316 tal-Kodici Kriminali kif imsemmi fl-att tal- akkuza u invista tan-nota ipprezentata flimkien ma dan ir-rikors mill-Avukat Generali , kif ukoll ammissjoni ghaz-zewg kapi l-ohra kif migjuba kontrih fl-istess Att t' Akkuza, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din l-istess Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal-perijodu ta' sentejn (2) prigunerija

sospizi ghal-erba` (4) snin u ammenda ta’ mitt (€100) Euro dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta’ htija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tas-27 ta’ Settembru, 2011 li biha in vista tal-possibbli ammissjoni tal-akkużat fit-termini tar-rikors konġuntiv tas-27 ta’ Settembru 2011, jiddikjara li huwa dispost illi f’każ li l-akkużat jammetti r-reat taħt l-artikolu 318 tal-Kodiċi Kriminali huwa jaċċetta din l-ammissjoni bħala alternattiva għall-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża filwaqt li jzomm ferm ghall-qbija tal-kapi fl-istess Att t’Akkuza.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, b’referenza ghall-artikolu 318 kif stipulat fir-rikors konguntiv, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;
Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-akkuzat baqa’ jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil Marius Scerri ħati skond l-ewwel kap ta’ akkuza talli volontarjament ta n-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta’ abitazzjoni, bastiment, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta’ hemm ġew kien hemm persuna fil-waqt tal-ħruq, iżda għalkemm ebda persuna ma tilfet ħajjitha, huwa seta’ jobsor li f’dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna; kif ukoll ħati skond it-tieni kap tal-att tal-akkuza talli, ħebb kontra persuna sabiex jinġurja, jdejjaqha jew jagħmel ħsara lil dik il-persuna jew lil ħaddieħor; kif ukoll ħati talli, skond it-tielet kap tal-att ta’ l-akkuza, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.
Ikkunsidrat,
Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta’ barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi**” [24.2.1997] (Qorti Kriminali); “**Ir-Repubblika**

**ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"** [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;
Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 337A(1), 318, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-hati**, Marius Scerri** ghall-piena komplessiva ta' **sentejn (2) prigunerija** li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perjodu **ghal-erba' (4) snin** flimkien ma ammenda ta' **mitt Euro (€ 100)**, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' mtiejn u tlieta w erbghin euro u tnax-il centezmu **(€243.12),** rapprezentanti nofs l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------